

- 2) Gesamtverband Verkehrsgewerbe Niedersachsen eV (GVN) hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnati mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Land Niedersachsen (il-Ġermanja) għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 44, 8.2.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-24 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tan- Naczelný Sąd Administracyjny – il-Polonja) – W.G. vs Dyrektor Izby Skarbowej w L.**

(Kawża C-697/20) (<sup>1</sup>)

*(Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 9 – Persuni taxxabbli – Artikoli 295 u 296 – Skema b'rata fissa għall-bdiewa – Konjuġi li jwettqu attivitā agrikola bl-użu ta' assi li jikkostitwixxu parti mill-komunjoni tal-akkwisti – Possibbiltà għal dawn il-konjuġi li jitqiesu bħala persuni taxxabbli distinti għall-VAT – Għażla ta' wieħed mill-konjuġi li jirrinunzja għall-istatus ta' bidwi b'rata fissa u li jqiegħed l-attività tiegħi taħt l-iskema normali tal-VAT – Telf għall-konjuġi l-ieħor tal-istatus ta' bidwi b'rata fissa)*

(2022/C 198/11)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinvju**

Naczelný Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: W.G

Konvenut: Dyrektor Izby Skarbowej w L.

**Dispożittiv**

L-Artikoli 9, 295 u 296 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens:

- li jipprekludu l-prassi ta' Stat Membru li teskludi li konjuġi li jeżerċitaw attivitā agrikola fil-kuntest tal-istess azjenda, permezz tal-użu ta' assi li jagħmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jistgħu jiġi kkunsidrati bħala persuni taxxabbli distinti għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fil-każ fejn kull wieħed minn dawn il-konjuġi jeżerċita attivitā ekonomika b'mod indipendent;
- li ma jipprekludux li, fċirkustanzi li fihom l-konjuġi jeżerċitaw din l-attività agrikola taħt l-iskema b'rata fissa tal-bdiewa, l-ġaħżla ta' wieħed mill-konjuġi li jqiegħed l-attività tiegħi taħt l-iskema normali tal-VAT twassal sabiex il-konjuġi l-ieħor jtilef l-istatus ta' bidwi b'rata fissa, meta, wara eżami tas-sitwazzjoni konkreta, dan l-effett jirriżulta neċċessarju sabiex jiġi evitati riskji ta' abbuż u ta' frodi li ma jistgħux jiġi eskużi mill-produzzjoni, mill-konjuġi, ta' provi xierqa, jew meta l-eżerċizzju minn dawn il-konjuġi ta' din l-attività, b'mod indipendent u kull wieħed minnhom fil-kuntest tal-iskema normali tal-VAT, ma jippreżentax diffifikultajiet amministrattivi fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-eżistenza simultanja ta' żewġ status differenti għall-imsemmija konjuġi.

(<sup>1</sup>) ĠU C 182, 10.5.2021.

---